MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-13 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 900/2014

**Av. Francesca Galea Cavallazzi (218486M) bħala mandatarju tas-socjetà estera CSA Travels S.A.S. (NIT 900136596-7)**

**vs**

**Ticket Limited (C42648)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-16 ta’ Ottubru, 2014 mill-Avukat Francesca Galea Cavallazzi (218486M) bħala mandatarju tas-socjetà estera CSA Travels S.A.S. (NIT 900136596-7), fejn ippremettiet u talbet:

1. *Illi l-avukati Malcolm Falzon (129280M) u Francesca Galea Cavallazzi huma awtorizzati jaġixxu bħala mandatarji tas-soċjetà estera permezz ta' mandat mogħti lilhom (vera kopja annessa u mmarkata 'Dok.CSA1').*

2. *Illi fit-23 ta' Ottubru 2013, is-soċjetà rikorrenti daħlet f'kuntratt mas-soċjetà intimata Ticket Limited permezz ta' liema kuntratt is-soċjetà rikorrenti xtrat mingħand is-soċjetà intimata 324 (tlett mija u erbgħa u għoxrin) biljett għal diversi logħob tal-FIFA World Cup 2014 fil-Brażil (kopja tal-kuntratt annessa u mmarkata 'Dok.CSA2'). Fil-15 ta' Jannar 2014, il-partijiet daħlu f'kuntratt ieħor permezz ta' liema n-numru ta' biljetti li xtrat is-soċjetà rikorrenti mingħand is-soċjetà intimata żdied għal 381 (tlett mija wieħed u tmenin) (kopja tal-kuntratt annessa u mmarkata 'Dok.CSA3'). Is-soċjetà rikorrenti ħallset l-ammont ta' $288,451.00 (mitejn tmienja u tmenin elf erba' mija wieħed u ħamsin Dollaru Amerikan)[1] għal 381 biljett li xtrat ai termini tal-kuntratt tal-15 ta' Jannar 2014.*

3. *Wara l-kuntratt tal-15 ta' Jannar 2014, il-partijiet qablu fuq numru finali ta' 336 (tliet mija sitta u tletin) biljett. F'dak l-istadju l-partijiet ma daħlux f'kuntratt ġdid iżda qablu fuq in-numru finali ta' biljetti li nxtraw permezz ta' email (kopja tal-email bil-konferma tan-numru ta' biljetti ddatata 29 ta' Mejju 2014 annessa u mmarkata 'Dok.CSA4'). Il-prezz ta' dawn il-336 biljett ammonta għal $282,300.00 (mitejn tnejn u tmenin elf u tlett mija Dollaru Amerikan)[2]. Is-soċjetà rikorrenti kienet ġià ħallset l-ammont ta' $288,451.00 lis-soċjetà intimata għal 381 biljett u, ladarba n-numru finali ta' biljetti naqas għal 336, is-soċjetà intimata kellha tirrifondi l-ammont ta' $6,151.00 (sitt elef mija u wieħed u ħamsin Dollaru Amerikan)[3] lis-soċjetà rikorrenti.*

4. *Għalhekk l-ammont totali li s-soċjetà rikorrenti ħallset lis-soċjetà intimata għal 336 biljett kien ta' $288,451.00 (mitejn tmienja u tmenin elf erba' mija wieħed u ħamsin Dollaru Amerikan). Kopji tat-trasferimenti bankarji li saru mis-soċjetà rikorrenti lis-soċjetà intimata huma annessi u mmarkati 'Dok. CSA5'.*

5. *Is-soċjetà intimata, bi ksur tal-obbligi tagħha, mill-imsemmija 336 biljett li ftiehmu fuqhom il-partijiet u li s-soċjetà rikorrenti kienet ħallset*

[1] Ekwivalenti għal €225,309.31.
[2] Ekwivalenti għal €220,581.54.
[3] $288,451 - $282,300 = $6,151 (ekwivalenti għal €4,806.22).

*għalihom minn quddiem, is-soċjetà intimata naqset milli tikkonsenja 223 (mitejn tlieta u għoxrin) biljett lis-soċjetà rikorrenti. Ai termini ta' klawżola 2.2 tal-kuntratti msemmija fit-tieni paragrafu ta' dan ir-rikors, is-soċjetà intimata kellha tikkonsenja il-biljetti "…at the latest five (5) days prior to the relevant event". Is-soċjetà intimata naqset minn dan l-obbligu fir-rigward ta' 223 biljett.*

6. *Mill-ammont totali ta' $288,451.00 li ħallset is-soċjetà rikorrenti, l-ammont ta' $202,950.00 (mitejn u tnejn elf disa' mija u ħamsin Dollaru Amerikan)*[4] *jirrappreżenta l-ammont li s-soċjetà rikorrenti ħallset għal biljetti li s-soċjetà intimata naqset milli tikkonsenja bi ksur tal-obbligi tagħha.*

7. *Ai termini ta' klawżola 2.5 tal-kuntratti msemmija fit-tieni paragrafu ta' dan ir-rikors, fin-nuqqas li l-biljetti jiġu kkonsenjati (għal kwalunkwe raġuni ħlief għal kanċellazzjoni), is-soċjetà intimata għandha tħallas lura it-ticket price jew l-ammont imħallas għall-biljetti mhux ikkonsenjati u penali addizzjonali ta' tletin fil-mija (30%) tal-pagamenti kollha magħmula skond il-kuntratt. L-ammont totali tal-penali dovut lis-soċjetà rikorrenti huwa ta' $60,885 (sittin elf tmien mija u ħamsa u tmenin Dollaru Amerikan).*[5]

8. *Is-soċjetà rikorrenti kienet daħlet f'impennji u obbligi fil-konfront ta' terzi li kienu xtraw package holidays minn għandha u li kienu jinkludu biljetti għal diversi logħob tal-Fifa World Cup 2014. Sabiex tissoddisfa l-obbligi tagħha fir-rigward tal-klijenti tagħha minkejja n-nuqqasijiet tas-soċjetà intimata, is-soċjetà rikorrenti kellha ssib soluzzjoni u sorsi alternattivi sabiex takkwista l-biljetti li s-soċjetà intimata ma kinitx ipprovditilha skont il-kuntratt. Għaldqstant, is-soċjetà rikorrenti kellha tixtri minn terzi l-ammont ta' 223 biljett għas-somma totali ta' $361,700.00 (tlett mija wieħed u sittin elf u seba' mija Dollaru Amerikan).*[6] *Id-differenza bejn dan l-ammont ta' $361,700.00 u l-ammont li ħallset is-soċjetà rikorrenti lis-soċjetà intimata għal biljetti li l-istess soċjetà intimata naqset milli tikkonsenja ($202,950.00) huwa ta' $158,750.00 (mija u tmienja u ħamsin elf seba' mija u ħamsin Dollaru Amerikan).*[7]

---

[4] Ekwivalenti għal €158,596.70.
[5] Ekwivalenti għal €47,581.20.
[6] Ekwivalenti għal €282,665.98.
[7] Ekwivalenti għal €124,079.43.

9. *L-anness prospett ippreparat mis-soċjetà rikorrenti juri: l-ammont ta' biljetti li xtrat u ħallset għalihom is-soċjetà rikorrenti (Tickets Ordered); l-ammont ta' biljetti li s-soċjetà intimata kkonsenjat (Delivered); l-ammont ta' biljetti li s-soċjetà intimata naqset milli tikkonsenja (Remaining Tickets); l-ammont li ħallset is-soċjetà rikorrenti għall-biljetti mhux konsenjati (Amount according to price listed in contract for tickets not delivered); l-ammont li ħallset is-soċjetà rikorrenti sabiex tixtri biljetti oħra (Amount paid to different provide in order to get a solution); id-differenza bejn l-ammont li ħallset is-soċjetà rikorrrenti lil terzi għal 223 biljett u l-ammont li ħallset lis-soċjetà intimata għal 223 biljett mhux ikkonsenjati (Difference between the price paid to Ticket Limited and the price paid for the solution); il-penali ta' 30% (Penalty according to the contract – 30% over the paid amount). Il-prospett huwa anness u mmarkat 'Dok.CSA6'.*

10. *Dawn huma l-fatti kif ikkonfermati mis-soċjetà rikorrenti.*

*Tgħid għalhekk is-soċjetà intimata għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

a. *Tiddikjara li s-soċjetà intimata kissret l-obbligi tagħha meta naqset li tikkonsennja 223 (mitejn tlieta u għoxrin) biljett lis-soċjetà rikorrenti, liema biljetti s-soċjetà rikorrenti kienet ħallset għalihom minn quddiem;*

b. *Tiddikjara, tordna u tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lura lis-soċjetà rikorrenti l-ammont ta' €158,596.70 (mija tmienja u ħamsin elf ħames mija sitta u disgħin Euro u sebgħin ċenteżmu)*[8] *rappreżentanti l-ammont li s-soċjetà rikorrenti ħallset għal biljetti li s-soċjetà intimata naqset milli tikkonsenja bi ksur tal-obbligi tagħha u €4,806.22 (erbat elef tmien mija u sitt Euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu)*[9] *rappreżentanti l-ammont li kellha tirrifondi s-soċjetà intimata meta s-soċjetà rikorrenti kkonfermat n-numri finali ta' 336 biljett;*

c. *Tiddikjara, tordna u tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas l-ammont ta' €47,581.20 (sebgħa u erbgħin elf ħames mija u wieħed u*

[8] Ekwivalenti għal $202,950.00 (mitejn u tnejn elf disa' mija u ħamsin Dollaru Amerikan).
[9] Ekwivalenti għal $6,151 (sitt elef mija u wieħed u ħamsin Dollaru Amerikan).

*tmenin Euro u għoxrin ċenteżmu)*[10] *lis-soċjetà rikorrenti rappreżentanti l-penali dovut lis-soċjetà rikorrenti, u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti;*

d. *Tiddikjara, tordna u tikkundanna li s-soċjetà intimata għandha tħallas l-ammont ta' €124,079.43 (mija u erbgħa u għoxrin elf u disgħa u sebgħin Euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu)*[11] *lis-soċjetà rikorrenti rappreżentanti d-differenza bejn l-ammont li nefqet is-soċjetà rikorrenti sabiex tixtri aktar biljetti u l-ammont li ħallset is-soċjetà rikorrenti lis-soċjetà intimata għal biljetti li l-istess soċjetà intimata naqset milli tikkonsenja, u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra s-soċjetà intimata li tibqa' inġunta minn issa għas-subizzjoni.*

Rat li flimkien mar-Rikors l-Avukat Francesca Galea Cavallazzi ppreżentat vera kopja ta' prokura permezz ta' liema Alejandro Restrapo u David Ceballos fil-kapaċità tagħhom ta' Diretturi ta' CSA Travels S.A.S (NIT 900136596-7) awtorizzaw l-istess Avukat Francesca Galea Cavallazzi kif ukoll lill-Avukat Malcolm Falzon flimkien u/jew separatament jaġixxu bħala mandatarji tal-kumpannija estera CSA Travels S.A.S (NIT 900136596-7) fil-kawża odjerna kontra Ticket Limited (C 42648).

Rat in-nota tax-xhieda tal-attriċi l-Avukat Francesca Galea Cavallazzi *noe* ippreżentata flimkien mar-Rikors fis-16 ta' Ottubru 2014.

[10] Ekwivalenti għal $60,885 (sittin elf tmin mija u ħamsa u tmenin Dollaru Amerikan).
[11] Ekwivalenti għal $158,750.00 (mija u tmienja u ħamsin elf seba' mija u ħamsin Dollaru Amerikan).

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta' Ottubru 2014 fejn appuntat ir-Rikors għas-smigħ għall-20 ta' Novembru 2014.

Rat illi s-soċjetà konvenuta ġiet debitament notifikata bir-Rikors, id-digriet u l-Avviż tas-Smigħ skont il-liġi.

Rat ir-rikors ta' Thomas Jacobsen (K.I. 20873A) fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju tas-soċjetà konvenuta tal-31 ta' Ottubru 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tordna s-sospensjoni tal-proċedura odjerna u tiddiferixxi l-kawża *sine die*[12].

Rat ir-risposta tal-Avukat Francesca Galea Cavallazzi *noe* tat-12 ta' Novembru 2014[13] għar-rikors ta' Thomas Jacobsen fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju tas-soċjetà konvenuta tal-31 ta' Ottubru 2014.

Rat d-digriet tagħha tat-13 ta' Novembru 2014 fejn ċaħdet it-talba.

Rat in-nota tal-Avukat Francesca Galea Cavallazzi *noe* tal-10 ta' Novembru 2014 u l-affidavits ta' Alejandro Restrepo u David Ceballos u d-dokumenti mmarkati bħala Dok. CSA7 sa Dok. CSA41.

[12] A fol. 34 *et sequitur.*
[13] A fol. 230 *et sequitur.*

Rat li fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2014 deher Dr. Joseph Pace għas-soċjetà konvenuta li ppreżenta nota b'ċertifikat tal-mewt ta' Krzysztof Kowalow u traduzzjoni tiegħu[14].

Rat li fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 2014 l-Avukat Francesca Galea Cavallazzi *noe* ippreżentat nota[15] u kopji tal-affidavits ta' Paolo Arango, Natalia de Greiff, Gustavo Adolfo Cruz Matiz u Natalia Marquez Arboleda u obbligat ruħha li tippreżenta l-affidavits oriġinali kollha malli tirċevihom.

Rat illi s-soċjetà konvenuta debitament notifikata ma ppreżentatx risposta maħlufa u għalhekk baqgħet kontumaċi.

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Illi mid-dokumenti eżebiti mar-Rikors Maħluf, jirriżulta li s-soċjetà konvenuta Ticket Limited, kienet obbligata li tirrifondi lura lis-soċjetà attriċi is-somma ta' €4,806.22 (erbat elef tmien mija u sitt Euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu) u dan peress illi skont ma kien ġie mifthiem bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà konvenuta, jirriżulta li l-għadd finali ta' biljetti li kellhom jinxtraw mis-soċjetà attriċi kien ta' 336 (tlett mija sitta u tlettin) u mhux 381 (tlett mija wieħed u

[14] A fol. 234 et sequitur.
[15] A fol. 242.

tmenin) biljett li s-soċjetà attriċi kienet ġià ħallset għalihom lis-soċjetà konvenuta.

Illi mid-dokumenti eżebiti mar-Rikors Maħluf, jirriżulta barraminhekk li s-soċjetà konvenuta Ticket Limited kienet obbligata li tirrifondi lura lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' €158,596.70 (mija tmienja u ħamsin elf ħames mija sitta u disgħin Euro u sebgħin ċenteżmu) u dan b'konsegwenza tal-ksur tal-obbligi kuntrattwali li l-istess soċjetà konvenuta kellha, peress li din naqset milli tikkonsenja 223 (mitejn tlieta u għoxrin) biljett lis-soċjetà attriċi minn total ta' 336 (tlett mija sitta u tlettin) biljett li kienu ftehmu dwarhom il-partijiet u li s-soċjetà attriċi kienet diġà ħallset għalihom bil-quddiem.[16]

Illi barraminhekk jirriżulta b'mod ċar mill-kuntratt datat 15 ta' Jannar 2014 eżebit mar-Rikors Maħluf, li f'każ li ma tonorax l-obbligi kuntrattwali tagħha, s-soċjetà konvenuta obbligat ruħha li tħallas penali ta' tletin fil-mija (30%) tal-pagamenti kollha magħmula skont l-istess kuntratt.

Illi l-Qorti eżaminat l-affidavits ta' Alejandro Restrepo u David Ceballos[17], li jikkonfermaw li s-soċjetà attriċi kienet ordnat u ħallset għal 381 biljett, iżda eventwalment din kienet naqset l-għadd ta' biljetti ordnati għal 336, u li minn dan l-ammont finali ta' biljetti ordnati u mħallsa mis-soċjetà attriċi, is-soċjetà konvenuta ikkonsenjat biss 113 biljett. Apparti minn hekk, kemm fl-affidavit ta' Alejandro Restrepo kif u fl-affidavit ta' David Ceballos hemm rendikont ta' kemm ħallset is-soċjetà attriċi għall-biljetti u ta' x'inhuwa effettivament dovut lis-soċjetà attriċi mis-socjetà konvenuta b'riżultat tal-fatt li s-soċjetà konvenuta

[16] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2014 PA fl-ismijiet **George Spiteri pro et noe vs Marmista Limited u Joseph Azzopardi.**

[17] A fol. 38 sa 41 u fol. 42 sa 44 rispettivament.

kisret l-obbligi kuntrattwali tagħha meta ipprovdiet 223 biljetti inqas mit-total ta' biljetti ordnati u mħallsa mis-soċjetà attriċi. Dan kollu jaqbel mal-ammonti li qegħdin jiġu mitluba mis-soċjetà attriċi fir-Rikors Maħluf tagħha.

Illi l-Qorti eżaminat ukoll l-affidavits ta' Paolo Arango, Natalia de Greiff, Gustavo Adolfo Cruz Matiz u Natalia Marquez Arboleda[18] li lkoll spjegaw fid-dettall dak kollu li jafu dwar il-każ odjern u dwar il-ħidma tagħhom biex ifittxu jaqdu l-ordnijiet tal-klijenti meta s-soċjetà attriċi kienet kostretta li takkwista minn sorsi oħrajn il-biljetti li s-soċjetà konvenuta kienet naqset li tipprovvdilha skont kif kien ġie miftiehem.

Apparti dan, il-Qorti rat u eżaminat id-dokumenti mmarkati bħala Dok. CSA7 sa Dok. CSA41 u ċjoè il-korrispondenza vasta permezz ta' emails bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà konvenuta.

**Decide**

**Għar-raġunijiet kollha premessi, u fil-kontumaċja tas-soċjetà konvenuta, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi u:**

[18] A fol. 243 sa 249.

1. **Tiddikjara li s-soċjetà konvenuta kisret l-obbligi kuntrattwali tagħha meta naqset li tikkonsenja lis-soċjetà attriċi 223 (mitejn tlieta u għoxrin) biljett għal diversi logħbiet tal-FIFA World Cup 2014 fil-Brażil, liema biljetti s-soċjetà rikorrenti kienet ħallset għalihom bil-quddiem;**

2. **Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lura lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €158,596.70 (mija tmienja u ħamsin elf ħames mija sitta u disgħin Euro u sebgħin ċenteżmu) rappreżentanti s-somma li s-soċjetà attriċi kienet ħallset bil-quddiem ta' biljetti għal diversi logħbiet tal-FIFA World Cup 2014 fil-Brażil li s-soċjetà konvenuta naqset li tikkonsenjalha bi ksur tal-obbligi kuntrattwali tagħha, kif ukoll is-somma ta' €4,806.22 (erbat elef tmien mija u sitt Euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu) rappreżentanti s-somma li s-soċjetà konvenuta kienet obbligata li tirrifondi lis-soċjetà attriċi meta din ikkonfermat in-numru finali ta' biljetti ordnati minnha kellu jkun ta' 336 biljett;**

3. **Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €47,581.20 (sebgħa u erbgħin elf ħames mija u wieħed u tmenin Euro u għoxrin ċenteżmu) rappreżentanti l-penali dovuta lis-soċjetà attriċi ai termini tal-klawżola 2.5 tal-kuntratt tal-15 ta' Jannar, 2014;**

4. **Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas is-somma ta' €124,079.43 (mija u erbgħa u għoxrin elf u disgħa u sebgħin Euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu) lis-soċjetà attriċi rappreżentanti d-differenza bejn dak li effettivament nefqet is-soċjetà attriċi sabiex tixtri mingħand terzi il-biljetti għal diversi logħbiet tal-FIFA World Cup 2014 fil-Brażil li s-**

**soċjetà konvenuta naqset milli tikkonsenjalha, u s-somma li s-soċjetà attriċi kienet ħallset lis-soċjetà konvenuta għal dawn l-istess biljetti.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra s-soċjetà konvenuta mil-lum.**

Moqrija

**Onor. Dr. Lawrence Mintoff LL.D.**

**Imħallef**

**Frederick Stagno Navarra**

**Dep. Reġ.**

--------------------TMIEM--------------------

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------